**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**DR. DAVID FABRI**
**DR. ANTOINE NAUDI**

**21 ta' Mejju 2018**

**Rikors Numru 17/2017**

**James Manfre**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **James Manfre** ipprezentat fil-15 ta' Frar 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 27 ta' Jannar 2017 fejn it-talba tal-appellant ghat-tigdid ghal licenzja ta' Gwardjan Privat ma gietx milqugha ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta; [Kopja hawn annessa u mmarkata Dok JM1];*
*2. Illi l-appellant kien regolarment licenzjat bhala Gwardjan Privat u kien qed jaqdi l-funzjonijiet tieghu principalment gewwa l-isptar Mater Dei. Huwa ilu jahdem minn Settembru 2015 mal-kumpanija G4S u jahdem a bazi ta' xoghol full time. Dan huwa l-unika mpjieg tieghu. Illi huwa ma kellu ebda kwistjonijiet fuq il-post tax-xoghol u kien qed jaqdi l-funzjonijiet tieghu b'mod diligenti u xieraq;*
*3. Illi l-managers u dirigenti tal-kumpanija li maghhom huwa mpjegat kollha jistghu jattestaw dwar s-serjeta' tal-appellant;*
*4. Illi ma kien ebda tibdil fic-cirkostanzi tieghu minn meta l-licenzja inharget sa meta huwa applika ghat-tigdid tal-licenzja ta' Gwardjan Privat u ghalhekk ma hemm ebda raguni ghaliex il-licenzja li giet regolarment skrutinizzata mill-istess Kummissarju fl-applikazzjoni originali u anki meta kienet giet mgedda s-sena li ghaddiet issa giet rijutata;*
*5. Illi l-appellant hassu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk qed iressaq dan l-umli appell;*

*6. Illi aggravvju tal-appellant huwa car u manifest in kwantu ma kien hemm ebda tibdil fic-cirkostanzi tal-appellant minn meta huwa nghata l-licenzja ta' gwardjan privat ghal meta huwa applika ghat-tigdid tal-licenzja li giet rifjutata permezz tal-ittra datata 27 ta' Jannar 2017;*
*7. Illi l-appellant ma nghata ebda raguni specifika ghaliex it-talba li tigi mgedda l-licenzja giet michuda u ghalhekk l-appellant ma jistax jiddefendi ruhu b'mod adegwat u ghal dan il-ghan qed jirriserva li jaghmel dawk is-sottomissjonijiet kollha necessarji wara li jkun inghata aktar informazzjoni ghaliex il-Kummissarju fid-diskrezzjoni tieghu ddecieda li ma huwiex fl-interess pubbliku li huwa jkompli jahdem bhala gwardjan privat;*
*Ghaldaqstant in vista tal-permess, l-esponent umilment jitlob lil dan it-Tribunal joghgbu jilqa' l-aggravji tieghu u jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 27 ta' Jannar 2017 u konsegwentement tordna li l-licenzja ta' Gwardjan Privat tigi mgedda."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 2 ta' Marzu 2017 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-
"

1. *Illi l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jġeddidx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif fil-fatt se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża.*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi xejn mhu minnu li 'ma kien hemm ebda' tibdil fic-cirkostanzi tal-appellant minn meta huwa inghata l-licenzja ta' gwardjan privat ghal meta huwa applika ghat-tigdid tal-licenzja li giet rifjutata permezz ta' l-ittra datata 27 ta' Jannar 2017'.*

3. *Illi a contrario ta' dak li qed jipprova jagħti l-impressjoni r-rikorrent, l-istess rikorrent fl-14 t'April 2016 ingħata sentenza ta' probation għal tlett snin, liema perjodu qagħdu in vigore u dan in segwietu għad-diversi reati li huwa kkommetta fit-12 t'April 2015 inkluż ksur ta' probation order mogħti lilu mill-Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Jannar 2013.*

4. *Illi s-sentenza tal-14 ta' April 2016 ma kinitx l-unika waħda li ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront tar-rikorrent. Il-Kummissarju esponent kien klementi mar-rikorrent billi tah l-opportunita li jaħdem bħala gwardjan privat billi ħariġlu l-liċenzja appożita u jipprova lilu nnifsu fuq il-post tax-xogħol iżda r-rikkorent naqas milli jagħmel dan għaliex meta huwa kien diġa fil-pussess tal-liċenzja ta' gwardjan privat huwa ikkommetta diversi reati oħra.*

5. *Illi in vista li 'inqalgħu ċirkostanzi li kienu jiġġustifikaw li applikazzjoni għal dik il-liċenza kienet tkun miċħuda' l-esponent Kummissarju irtira dik il-liċenza u dan ai termini tal-Artikolu 13 (1) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. *Illi di piu ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali) jindika b'mod ċar illi f'każ ta' rifjut taħt l-Artikolu 10 (b) m'hemmx għalfejn jingħataw raġunijiet dettaljati iżda 'ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenza tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku.'*

7. *Illi l-esponent jirrileva li l-Kummissarju tal-Pulizija f'tali ċirkostanza għandu jeżerċita l-obbligi tiegħu b'diskrezzjoni u tali persuna li hija fdata b'diskrizzjoni bħal dik tal-Kummissarju tal-Pulizija għandha twettaq id-deċiżjoni tagħha b'mod raġjonevoli, b'ekwita, ħaqq u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni. Fil-każ odjern, l-esponent jisħaq illi huwa permezz tad-diskrezzjoni fdata lilu għamel l-almu tiegħu sabiex jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu l-liċenzja mal-interess pubbliku in ġenerali. Infatti dan jidher biċ-ċar għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija dejjem ġedded il-liċenzja lir-rikorrent mill-2014 sal-2016, iżda ġialadarba hemm sentenza kontra r-rikorrent, il-Kummissarju tal-Pulizija kellu dmir jevalwa mill-ġdid l-applikazzjoni għat-tiġdid tal-licenzja ta' gwardjan privat in vista tas-sentenza mogħtija lir-rikorrent f'April tas-sena 2016.*

8. *Illi minkejja li r-rikorrent ma reġgħax ingħata l-liċenzja ta' gwardjan dan ma jfissirx li l-istess rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol ieħor, izda dan jfisser biss illi ma jistax ikompli jagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat proprju minħabba li gwardjan privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Jekk hemm xi xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol u għalhekk is-sitwazzjoni tiegħu ma tistax titqies li hi tort tal-esponent. Il-Kummissarju tal-Pulizija wara li joħroġ il-liċenzja ma għandu ebda kontroll fejn se jintbagħat jaħdem l-impjegat u f'liema sitwazzjoni se jsib ruħu, b'hekk il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu kull dmir li jiżen sew iċ-ċirkostanzi u jieħu deċiżjoni skont kif tkun mitluba minnu ai termini stipulati fil-Liġi.*

9. *Illi għalhekk fid-dawl ta' dak kollu suespost, il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament illi ma kienx fl-interess pubbliku li jġedded il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent meta r-reat wetqu meta huwa kien diġa fil-pussess tal-liċenzja ta' gwardjan privat.*

10. *Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, qed jiġi eċċepit illi l-Onorabbli Tribunal m'għandux il-kompetenza li jordna lill-esponent li l-liċenzja in kwistjoni għandha tiġi mġedda, hekk kif inhu mitlub fir-rikors promotur, dan għaliex it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, abbażi ta' Artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu biss is-setgħa li jirrevedi atti aministrattivi maħruġa minn Awtorita' Pubblika u f'tali ċirkustanza t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jista' biss jordna lill-Kummissarju sabiex jerġa' jevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent u mhux jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jġedded l-liċenzja skont kif inhu mitlub mir-rikorrent.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq premessi u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita' tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' lill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 27 ta' Jannar 2017 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B`riferenza ghat-tigdid ghal-licenza tieghek ta' Gwardjan Privat, ghandi ninfurmak, illi t-talba ghat-tigdid ma tistax tigi milqugha ai termini ta' l-artikolu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Ligijet ta' Malta."*

Illi permezz tal-istess decizjoni giet ukoll irtirata l-istess licenzja.

Illi r-rikorrent ma ressaq l-ebda provi dwar l-appell tieghu.

Min-naha tieghu il-Kummissarju intimat ressaq bhala xhud lill-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi li pprezentat numru ta' sentenzi fil-konfront tar-rikorrent u l-fedina penali tieghu.

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi jirrizulta illi r-rikorrent kien applika l-ewwel darba sabiex jinghata licenzja ta' gwardjan privat fl-2014. Tispjega li minn verifiki li ghamlet il-Pulizija irrizulta illi r-rikorrent kellu s-segwenti sentenzi fil-konfront tieghu, u cioe` seba' sentenzi li nghataw mis-sena 2010 sas-sena 2016. Tispjega li minkejja s-sentenzi ta' qabel l-2016, il-Kummissarju intimat xorta kien gedded il-licenzja lir-rikorrent ghax xtaq jaghtih opportunita`. Pero` meta r-rikorrent rega' nstab hati fl-2016, u wara li rega' ra l-kwadru kollu tas-sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, hass li ma kellux igedded il-licenzja in kwistjoni u dan stante li meta twettqu r-reati li taghhom gie misjub hati permezz tas-sentenza tal-14 ta' April 2016 huwa kien fil-pussess ta' licenzja ta' gwardjan privat. Ghalhekk il-Kummissarju intimat qies li r-rikorrent mhux persuni affidabbli biex izzomm il-licenzja in kwistjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi fir-rikors promutur ir-rikorrent jikkontendi li ma kien hemm l-ebda tibdil fic-cirkostanzi li jiggustifika d-decizjoni tar-rifjut tal-Kummissarju intimat.

Illi mis-sentenzi esebiti fil-konfront tar-rikorrent jirrizulta s-segwenti:-

1. Fis-7 ta' Lulju 2010 huwa nstab hati li fit-13 ta' Awissu 2009 ikkaguna ferita gravi fuq terzi u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ghal zmien tmintax-il xahar;
2. Fid-29 ta' Mejju 2012 instab hati li fis-17 ta' Marzu 2012 ikkaguna feriti hfief fuq terzi u ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, fost affarijiet ohra. Ghal dawn ir-reati huwa nghat twidiba u canfira;
3. Fis-7 ta' Jannar 2013 gie misjub hati li bejn il-25 u s-26 ta' Novembru 2011 kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina u tqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin;
4. Fil-5 ta' Marzu 2013 instab hati li fit-3 ta' Gunju 2012 hedded bi kliem lil gwardjani lokali, fost affarijiet ohra, u gie kkundannat twiddiba u canfira u ammenda ta' hamsa u hamsin ewro (€55);
5. Fis-17 ta' Gunju 2013 instab hati talli fil-25 u s-26 ta' Novembru 2011 u fit-tliet xhur ta' qabel ikkaguna ferita gravi fuq terzi, fost ohrajn, u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin;
6. Fl-14 ta' April 2016 gie misjub hati talli fit-12 ta' April 2015 naqas li jobdi l-ordnijiet tal-Pulizija u talli kiser l-Ordni ta' Probation, fost affarijiet ohra, u rega' gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin.

Illi dan il-kwadru kulurit ma jawgura xejn tajjeb ghal persuna li trid tezercita l-funzjonijiet ta' gwardjan privat. Kif jirrizulta mir-reati mwettqa ir-rikorrent dahal f'konfront dirett ma' ufficjali f'awtorita` bhall-Pulizija u gwardjani lokali u naqas milli jobdi l-ordnijiet taghhom. Din certament mhix l-ahjar attitudini biex wiehed jippretendi rispett lejn ix-xoghol li huwa qieghed jaspira li jaghmel.

It-Tribunal, wara li ha in konsiderazzjoni s-sentenzi kollha fil-konfront tar-rikorrent huwa tal-opinjoni illi l-Kummissarju intimat kien gust u ragjonevoli fid-decizjoni tieghu li biha rrifjuta t-tigdid tal-licenzja lir-rikorrent. Persuna li taspira li taqdi dmirha bhala gwardjan privat trid tkun ta' ezempju ghac-cittadini li jaraw fiha persuna li qieghda hemm biex tipprotegihom u zzomm l-ordni. L-agir tar-rikorrent ma juri xejn hlief in-nuqqas ta' dan kollu. Anzi t-Tribunal jazzarda jghid li l-Kummissarju intimat kien klementi zzejjed meta fl-ewwel lok ikkonceda l-licenzja u baqa' jgedded il-licenzja lir-rikorrent ghaliex minkejja li nghata diversi opportunitajiet mill-Qrati baqa' jippersisti fl-agir irraxxibbli tieghu.

Illi finalment it-Tribunal jaghmel referenza ghall-aggravju f'paragrafu sebgha tar-rikors promutur fejn ir-rikorrent ippremetta li huwa ma nghata l-ebda raguni specifika ghaliex it-talba tieghu kienet giet michuda. It-Tribunal jirrileva illi ghalkemm il-*proviso* ta' artikolu 11 (1) tal-Kapitolu 389 jistipula illi l-Kummissarju intimat jista' jiddikjara biss li r-rifjut inghata fl-interess pubbliku, huwa awspikabbli li l-istess Kummissarju imqar jiccita s-sentenzi li abbazi taghhom, fost kunsiderazzjonijiet ohra, ikun qieghed jaghti r-rifjut tieghu biex b'hekk applikant jitpogga f'posizzjoni ahjar biex jevalwa s-sitwazzjoni tieghu. Madankollu dan ma jhassarx il-fatt illi l-Kummissarju intimat kien korrett fid-decizjoni tieghu tar-rifjut.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jara l-ebda raguni ghala ghandu jiddisturba d-decizjoni tal-Kummissarju intimat.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tar-rikorrent u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**